

Brussell, 19 ta' Awwissu 2025
(OR. en)

12163/25

COH 162
FIN 981
ECOFIN 1096
SOC 572

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 441 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport Annwali tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea 2019–2020

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 441 final.

Mehmuż: COM(2025) 441 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2025
COM(2025) 441 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Rapport Annwali tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea 2019–2020

WERREJ

Introduzzjoni	2
Applikazzjonijiet riċevuti fl-2019 u l-2020	3
➤ <i>Fl-2019</i>	3
➤ <i>Fl-2020</i>	5
Finanzjament	11
Għeluq	13
➤ <i>Għeluq fl-2020</i>	13
Konklużjonijiet.....	14

INTRODUZZJONI

L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE¹ ("ir-Regolament") jistipula li l-Kummissjoni trid tippreżenta rapport dwar l-attività tal-Fond fis-sena ta' qabel lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport jiddeskrivi l-attivitajiet tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE ("FSUE") fl-2019 u fl-2020. Dan jiġbor fil-qosor ukoll l-applikazzjonijiet li waslu fl-2019 u fl-2020, u l-każijiet magħluqa matul il-perjodu ta' rappurtar. Il-Kummissjoni vvalutat l-applikazzjonijiet kollha skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament.

Fl-**2019**, il-Kummissjoni rċeviet **erba' applikazzjonijiet ġodda** għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE, jiġifieri mill-Greċja (temp estrem), Spanja (temp estrem), l-Awstrija (għargħar), u l-Portugall (temp estrem). Tlieta minn dawn l-applikazzjonijiet kienu jikkonċernaw "diżastri naturali reġjonali" u waħda kienet tikkonċerna "diżastri naturali ta' pajjiż ġar".

Il-Greċja, Spanja u l-Portugall irċevew pagamenti antiċipati għal total ta' EUR 69,5 miljun fi żmien ftit giżgħat wara li ssottomettew l-applikazzjonijiet tagħhom.

Fl-**2020**, il-Kummissjoni rċeviet **31 applikazzjoni ġdida** għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE, li minnhom **disa'** kienu marbuta ma' diżastri naturali u 22 ma' sitwazzjonijiet ta' emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri.

Id-disa' applikazzjonijiet marbuta ma' diżastri naturali ġew mill-Greċja (għargħar fuq Evia, iċ-Ċiklon Ianos), Spanja (il-Maltempata Gloria), Franza (il-Maltempata Alex), il-Kroazja (it-terremot ta' Zagreb), l-Italja (temp sever, il-Maltempata Alex), l-Awstrija (temp sever) u l-Polonja (għargħar).

L-applikazzjoni ta' Spanja għall-Maltempata Gloria fl-2020 u l-applikazzjoni tal-Italja għall-Maltempata Alex f'Ottubru 2020 ġew miċħuda minħabba li ma ssodisfawx il-kriterji stabbiliti fir-Regolament.

Mill-applikazzjonijiet li rnexxew, tnejn kienu jikkonċernaw "diżastri naturali maġġuri", erbgħa kienu "diżastri naturali reġjonali" u waħda kienet relatata ma' "diżastri naturali ta' pajjiż ġar".

Wara l-emenda tar-Regolament fit-30 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni rċeviet **22 applikazzjoni** għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE marbuta mal-pandemija tal-COVID-19, jiġifieri mill-Albanija, mill-Awstrija, mill-Belġju, mill-Kroazja, miċ-Ċekja, mill-Estonja, minn Franza, mill-Ġermanja, mill-Greċja, mill-Ungerija, mill-Italja, mill-Irlanda, mil-Latvja, mil-Litwanja, mil-Lussemburgu, mill-Montenegro, mill-Polonja, mill-Portugall, mir-Rumanija, mis-Serbja, mis-Slovenja u minn Spanja.

L-applikazzjonijiet mill-Polonja u s-Slovenja ġew miċħuda minħabba li ma ssodisfawx il-kriterji stabbiliti fir-Regolament.

L-Albanija, il-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Montenegro, il-Portugall u Spanja talbu pagament antiċipat għal ammont totali ta' EUR 132,7 miljun. Il-Kummissjoni pprovdiet pagamenti antiċipati lis-seba' Stati Membri (il-Ġermanja, l-Irlanda, il-

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3) kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 143) u bir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 9).

Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Ungerija u l-Portugall) sa tmiem l-2020. L-Albanija u l-Montenegro ma setgħux jirċievu pagamenti antiċipati peress li mhumiex Stati Membri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-mobilizzazzjoni ta' EUR 397,45 miljun f'Marzu 2021 bħala pagament tal-bilanċ għall-Istati Membri (li kienu rċeview pagamenti antiċipati) u bħala pagament totali għall-Albanija u l-Montenegro (li ma kinux irċeview pagamenti antiċipati).

L-Anness I jelenka l-livelli limitu ta' ħsara ta' "diżastru naturali maġġuri" applikabbli fl-2019 u fl-2020 għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE. L-Anness II jippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet approvati fl-2019 u fl-2020, inkluża l-informazzjoni finanzjarja rilevanti.

APPLIKAZZJONIJIET RIĊEVUTI FL-2019 U FL-2020

➤ FL-2019

Il-Kummissjoni rċeviet erba' applikazzjonijiet ġodda għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE fl-2019. Kollha waslu għand il-Kummissjoni fi żmien l-iskadenza legali ta' "mhux aktar tard minn 12-il ġimgħa wara l-ewwel okkorrenza ta' ħsara" (l-Artikolu 4(1) tar-Regolament). Tliet applikazzjonijiet kienu jikkonċernaw "diżastri naturali reġjonali", u waħda kienet ibbażata fuq id-dispożizzjoni għal "diżastri naturali ta' pajjiż ġar". Il-Kummissjoni adottat id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE lill-erba' applikazzjonijiet kollha matul l-2019 u l-2020.

L-AWSTRIJA - Għargħar

F'Ottubru 2018, il-partijiet tal-Lbiċ tal-Awstrija soffrew għargħar qawwi kkawżat mill-istess kundizzjonijiet meteoroloġiċi li wasslu għal "diżastru naturali maġġuri" fl-Italja. Ix-xita kienet qawwija ħafna fin-Nofsinhar tal-Awstrija (speċjalment fit-Tirol tal-Lvant u l-Carinthia) mill-15 sas-17 ta' Novembru 2018, u dan wassal għal valangi tat-tajn, uqigħ tal-art, u għargħar qawwija. It-temp estrem ikkawża ħsara konsiderevoli lill-infrastruttura pubblika essenzjali, lid-djar privati, lin-negozji u lill-foresti.

Sussegwentement, l-Awstrija applikat għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE fl-14 ta' Jannar 2019 u ssottomettiet verżjoni riveduta tal-applikazzjoni fl-20 ta' Frar 2019. L-awtoritajiet Awstrijaċi stmaw il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru għal EUR 322 miljun. L-Awstrija ma talbitx pagament antiċipat.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 3604 tal-15 ta' Mejju 2019, fit-18 ta' Settembru 2019 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta' EUR 8 154 899 mill-FSUE lill-Awstrija. Fit-2 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2019) 7174 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. Il-pagament ta' EUR 8 154 899 sar fit-28 ta' Ottubru 2019.

Il-Greċja – Temp estrem

Bejn it-23 u s-26 ta' Frar 2019, maltempata b'xita eċċezzjonalment qawwija laqtet lil Kreta, b'mod partikolari l-parti tal-Punent tal-gżira. L-għargħar u l-uqigħ tal-art li rriżultaw ikkawżaw telf ta' ħajjiet umani u kellhom konsegwenzi diżastrużi għall-infrastruttura lokali, b'mod partikolari għat-toroq. L-ekonomija (prinċipalment is-settur agrikolu) ġarrbet ħsara kbira. Il-Greċja applikat għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE fil-15 ta' Mejju 2019.

Il-Greċja stmat il-ħsara diretta totali għal EUR 182,1 miljun. Il-ħsara kkawżata fi Kreta tirrappreżenta 2,1 % tal-PDG ta' Kriti, ir-reġjun ta' livell NUTS 2² ikkonċernat, u għalhekk taqbeż il-livell limitu ta' EUR 129,8 miljun abbażi tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament. Fl-applikazzjoni tagħha, il-Greċja talbet il-ħlas ta' pagament antiċipat.

Fid-19 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2019) 5514 li tat pagament antiċipat ta' EUR 455 252 fuq il-kontribuzzjoni finanzjarja antiċipata mill-Fond, u sussegwentement ħallsitu lill-Greċja fis-27 ta' Awwissu 2019.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 496 tat-18 ta' Ottubru 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta' EUR 4 552 517 mill-FSUE lill-Greċja. Fit-30 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 449 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. Il-bilanċ ta' EUR 4 097 266 tħallas fid-19 ta' Frar 2020.

IL-PORTUGALL – Temp estrem

L-Uragan Lorenzo kien ċiklun tropikali Atlantiku tal-kategorija 5 – iċ-ċiklun tropikali fil-punt l-aktar lejn il-Lvant u l-eqreb lejn l-Ewropa li qatt ġie rreġistrat. Wara li intensifika b'mod rapidu, dan għadda mill-Azores (il-Portugall) fit-2 ta' Ottubru 2019, u għamel ħsara lill-infrastruttura pubblika u privata u affettwa serjament il-ħajja ta' kuljum tan-nies, in-negozji u l-istituzzjonijiet. Fit-3 ta' Ottubru, il-gvern reġjonali ddikjara kriżi tal-enerġija biex jiżgura provvisti bażiċi tal-enerġija. Fis-17 ta' Ottubru, iddikjara sitwazzjoni ta' diżastru pubbliku fit-territorju tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores wara l-ħsara kkawżata mill-uragan.

F'Novembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għal assistenza finanzjarja mill-FSUE relatata mad-diżastru tal-uragan Lorenzo. L-awtoritajiet Portugiżi stmaw il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru għal EUR 328,5 miljun.

Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja (ikkalkulata għal EUR 8 212 697) mill-FSUE kienu ġew issodisfati.

Fl-11 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2019) 9067 li tat pagament antiċipat ta' 10 % ta' EUR 821 270, li tħallas fit-23 ta' Diċembru 2019.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 200 tat-30 ta' April 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta' EUR 8 212 697 mill-FSUE lill-Portugall. Fis-7 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 4713 li tat kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 8 212 697 mill-Fond. Il-bilanċ ta' EUR 7 391 427 tħallas fit-22 ta' Lulju 2020.

SPANJA – Temp estrem

Mid-9 ta' Settembru 2019 'il quddiem, fenomenu meteoroloġiku rari deskritt bħala “depressjoni iżolata ta' altitudni għolja” (*depresión aislada en niveles altos*, DANA) affettwa x-Xlokk tal-Peniżola Iberika. Il-fenomenu, li huwa kkaratterizzat minn xita estrema li tirriżulta f'għargħar, laħaq il-quċċata tiegħu bejn it-12 u s-16 ta' Settembru 2019, u kellu impatt serju ħafna fuq żoni kbar tar-reġjuni ta' Valenzja, Murcia, Kastilja-La Mancha u Andalusija.

² Klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika.

Sussegwentement, Spanja applikat għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE fit-28 ta' Novembru 2019 fi żmien l-iskadenza ta' 12-il ġimgħa wara l-ewwel okkorrenza ta' ħsara. L-awtoritajiet Spanjoli stmaw il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru għal EUR 2,3 biljun.

Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-ġħoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja (ikkalkulata għal EUR 56 743 358) mill-FSUE kienu ġew issodisfati.

Fit-13 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2020)905 li tat pagament antiċipat ta' EUR 5 674 336, li tħallas lil Spanja fis-6 ta' Marzu 2020.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 200 tat-30 ta' April 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta' EUR 56 743 358 mill-FSUE lil Spanja. Wara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 7541, il-bilanċ ta' EUR 51 069 022 tħallas fid-19 ta' Novembru 2020.

➤ **FL-2020**

Il-Kummissjoni rċeviet disa' applikazzjonijiet ġodda għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE fl-2020 għal diżastri naturali. L-applikazzjonijiet kollha waslu għand il-Kummissjoni fi żmien l-iskadenza legali ta' "mhux aktar tard minn 12-il ġimgħa wara l-ewwel okkorrenza ta' ħsara" (l-Artikolu 4(1) tar-Regolament). Fost l-applikazzjonijiet li rnexxew, tnejn kienu jikkonċernaw "diżastri naturali maġġuri", erbgħa kienu jikkonċernaw "diżastri naturali reġjonali", u waħda kienet ibbażata fuq id-dispożizzjoni għal "diżastri naturali ta' pajjiż ġar". Il-Kummissjoni adottat id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE għas-seba' applikazzjonijiet aċċettati matul l-2020 u l-2021.

L-ITALJA – Temp sever

F'Ottubru u Novembru 2019, l-Italja esperjenzat kundizzjonijiet tat-temp severi. Id-diżastru kkawża għargħar u uqiġh tal-art, inkluż għargħar f'Venezja. Ir-reġjun l-aktar affettwat kien Veneto, fejn il-marea laħqet it-tieni massimu 'l fuq mil-livell tal-baħar li qatt ġie rreġistrat fil-belt, mill-massimu rreġistrat fl-4 ta' Novembru 1966, b'riħ ta' 110 km/h li akkumpanjah. L-għargħar ikkawża ħsara enormi lil bini privat u pubbliku, inkluż dak f'siti ta' wirt kulturali. Ġew affettwati mijiet ta' knejjes, mużewijiet u palazzi ta' valur bla imprezzabbli. Mijiet ta' persuni kellhom jiġu evakwati minn djarhom, u t-telf agrikolu u ekonomiku kien sinifikanti. L-awtoritajiet Taljani stmaw il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru għal EUR 5,62 biljun.

L-Italja ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha għal appoġġ mill-Fond f'Jannar 2020. L-applikazzjoni kkwalifikat bħala li tikkonċerna "diżastru naturali maġġuri" f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament. L-Italja ma talbitx il-ħlas ta' pagament antiċipat.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 200 tat-30 ta' April 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta' EUR 211 707 982 mill-FSUE lill-Italja. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 6272 li tat il-kontribuzzjoni finanzjarja ġiet adottata fid-9 ta' Settembru 2020 u l-pagament totali sar fis-6 ta' Ottubru 2020.

L-AWSTRIJA — Temp sever

F'Novembru 2019, il-partijiet tal-Lbiċ tal-Awstrija ġarrbu għargħar kbir. L-avvenimenti ġew skattati mill-istess kundizzjonijiet meteoroloġiċi li wasslu għal diżastru maġġuri fl-Italja. It-temp estrem ikkawża ħsara konsiderevoli lill-infrastruttura pubblika essenzjali, lid-djar privati, lin-negożji u lill-foresti. L-awtoritajiet Awstrijaċi stmaw il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru għal EUR 87 miljun.

L-Awstrija ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha għal appoġġ mill-Fond f'Jannar 2020. L-applikazzjoni kkwalifikat li tikkonċerna “diżastru naturali ta’ pajjiż ġar” skont l-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament. L-Awstrija ma talbitx pagament antiċipat. Il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond FSUE għal EUR 2 329 777.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 200 tat-30 ta’ April 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta’ EUR 2 329 777 mill-FSUE lill-Awstrija. Fit-23 ta’ Lulju 2020, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni C(2020) 5142 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. Il-pagament ta’ EUR 2 329 777 sar fl-10 ta’ Awwissu 2020.

KROAZJA — terremot ta’ Zagreb

F'Marzu 2020, il-Kroazja sofriet sensiela ta’ terremoti devastanti li laqtu l-Belt ta’ Zagreb u l-madwar tagħha. L-ewwel terremot, b’qawwa ta’ 5,5 fuq l-iskala Richter, kien l-aktar terremot b’saħħtu li laqat lil Zagreb mill-1880. Inħass fil-Kroazja kontinentali kollha u fir-reġjuni tal-fruntiera tas-Slovenja. Sal-aħħar ta’ April, kienu ġew irreġistrati aktar minn 1 100 replika. It-terremot laqat lil Zagreb erbat ijiem biss wara li ġie impost lockdown nazzjonali minħabba l-epidemija tal-COVID-19 u poġġa lin-nies f’sitwazzjoni ta’ emerġenza. Id-diżastru affettwa kwart tal-popolazzjoni tal-Kroazja. B’kollox, indarbu 27 persuna, b’waħda minnhom tifla adolexxenti li mietet minħabba l-korrimenti tagħha. Għexieren ta’ eluf ta’ binjiet residenzjali, infrastruttura pubblika, bini ta’ wirt kulturali sinifikanti, kif ukoll istituzzjonijiet importanti tal-istat bħall-Parlament Kroat ġarrbu ħsara. Il-ħsara totali stmata kkawżata mit-terremoti ammontat għal aktar minn EUR 11,6 biljun.

Fl-10 ta’ Ġunju 2020, il-Kroazja applikat għal assistenza finanzjarja mill-Fond għat-terremot ta’ Marzu 2020. L-applikazzjoni kkwalifikat bħala li tikkonċerna “diżastru naturali maġġuri” skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament u l-Kroazja talbet pagament antiċipat.

Fl-10 ta’ Awwissu 2020, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni C(2020) 5575 li tat pagament antiċipat li jammonta għal EUR 88 951 877, li tħallas lill-Kroazja fit-18 ta’ Awwissu 2020.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 960 tad-9 ta’ Ottubru 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta’ EUR 683 740 523 mill-FSUE lill-Kroazja. Il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE għal EUR 683 740 523. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 8713 li tagħti l-pagament lill-Kroazja ġiet adottata fit-2 ta’ Diċembru 2020. Il-bilanċ ta’ EUR 594 788 646 tħallas fis-17 ta’ Diċembru 2020.

POLONJA – Għargħar

F'Ġunju 2020, il-provinċji Pollakki ta’ Podalskie, Mazovia (inkluż Varsavja), Świętokrzyskie (Holy Cross) u Małopolskie (Lesser Poland) sofrew maltempati vjolenti u xita qawwija, li kkawżaw għargħar. Aktar minn 400 persuna kellhom jiġu evakwati, u 14 000 tilfu temporanjament l-aċċess għall-elettriku. 1 300 dar u aktar minn 240 triq saritilhom ħsara. L-agrikoltura lokali ġarrbet ukoll telf sinifikanti, peress li ġew affettwati madwar 9 000 ettaru ta’ raba’.

Fl-24 ta' Awwissu 2020, il-Polonja applikat għal kontribuzzjoni mill-FSUE biex tiffinanzja operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru wara l-għargħar fil-provinċja ta' *Podkarpackie* (Subcarpathian) f'Ġunju 2020. L-awtoritajiet Pollakki stmaw il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru għal EUR 282 851 202. Il-ħsara kkawżata tirrappreżenta 1,56 % tal-PDG ta' *Podkarpackie*, ir-reġjun ta' livell NUTS 2 ikkonċernat, u għalhekk taqbeż il-livell limitu ta' EUR 270 961 950 (1,5 % tal-PDG reġjonali). L-applikazzjoni kkwalfikat bħala li tikkonċerna "diżastru naturali reġjonali" skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament. Il-Polonja ma talbitx il-ħlas ta' pagament antiċipat.

Il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond għal EUR 7 071 280. Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 960 tad-9 ta' Ottubru 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta' EUR 7 071 280 mill-FSUE lill-Polonja. Fit-2 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 8685 li tat kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 7 071 280 mill-FSUE, li tħallset fis-17 ta' Diċembru 2020.

IL-GREĊJA

Għargħar fuq Evja

F'Awwissu 2020, l-Evia Ċentrali esperjenzat għargħar katastrofiku u uqigħ tal-art bħala riżultat ta' maltempati bir-ragħad severi u xita torrenzjali. Ix-xita rapida u qawwija kkawżat għargħar u uqigħ tal-art fiż-żoni tax-Xmajjar Messapiou u Lilanta. Tmien persuni tilfu ħajjithom fid-diżastru u 3 000 dar kellhom jiġu evakwati. Il-maltempata kkawżat ħsara kbira lid-djar privati u lill-infrastruttura lokali, inklużi erba' pontijiet li nqerdu.

Fid-29 ta' Ottubru 2020, il-Greċja applikat għal assistenza finanzjarja mill-Fond għad-diżastru li rriżulta mill-għargħar ta' Awwissu 2020. Sussegwentement, il-Greċja ppreżentat l-applikazzjoni tagħha għal diżastru reġjonali li jaffettwa reġjun wieħed ta' livell NUTS 2 u stmat il-ħsara diretta totali għal EUR 132 miljun. Għalhekk, id-diżastru kkwalfika bħala "diżastru naturali reġjonali" f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament. Il-Greċja talbet ħlas antiċipat.

Fit-2 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2021) 1507 li tat pagament antiċipat ta' EUR 330 010, li hija ħallset lill-Greċja fis-17 ta' Marzu 2021.

Il-Kummissjoni kkalkulat il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE għal EUR 3 300 100. Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2021) 201 tal-24 ta' Marzu 2021, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta' EUR 3 300 100 mill-FSUE lill-Greċja. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 4438 li tat il-pagament lill-Greċja ġiet adottata fl-14 ta' Ġunju 2021, u l-bilanċ ta' EUR 2 970 090 tħallas fil-5 ta' Lulju 2021.

Ċiklun Ianos

F'Settembru 2020, il-biċċa l-kbira tal-kontinent tal-Lvant u tan-Nofsinhar, il-Gżejjer Joniċi tan-Nofsinhar, it-Tessalija, *Sterea Ellada* (il-Greċja Kontinentali) inklużi Evja, il-Peloponnese u ċ-Ċikladi tat-Tramuntana u tal-Punent tal-Greċja ntlaqtu minn ċiklun tal-Mediterran bl-isem ta' Ianos. Id-diżastru kien ikkawżat minn għargħar katastrofiku u rjieħ tal-maltempati, u minn uqigħ tal-art minħabba x-xita qawwija kkawżata miċ-ċiklun. Għadd ta' persuni tilfu ħajjithom, u ħafna persuni akbar fl-età nqabdu fi djarhom minħabba li l-maltempata kkawżat it-tiġrif tas-soqfa. Ħafna mill-infrastruttura ġarrbet ħsara, bħall-pontijiet li ġġarrfu, il-provvista tal-elettriku u tal-ilma li nqatgħat u l-blat li waqa' fit-toroq prinċipali.

Fid-9 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni mill-Greċja b'rabta maċ-ċiklun għall-assistenza mill-FSUE. Il-Greċja ppreżentat l-applikazzjoni tagħha bħala li tikkonċerna “diżastru naturali reġjonali” li jaffettwa diversi reġjuni ta' livell NUTS 2 f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament u stmat li l-ħsara diretta totali hija ta' EUR 863 540 756. Hija talbet pagament antiċipat.

Fit-2 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2021) 1511 li tat pagament antiċipat ta' EUR 2 158 852, li tħallas lill-Greċja fis-17 ta' Marzu 2021.

Il-Kummissjoni kkalkulat il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond għal EUR 21 588 519. Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2021) 201 tal-24 ta' Marzu 2021, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta' EUR 21 588 519 mill-FSUE lill-Greċja. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 4466 li tat il-pagament lill-Greċja ġiet adottata fis-17 ta' Ġunju 2021, u l-bilanċ ta' EUR 19 429 667 tħallas fil-5 ta' Lulju 2021.

FRANZA – Maltempata Alex

F'Ottubru 2020, ċiklun ekstrapropikali laqat il-Mediterran, u wassal għal xita eċċezzjonalment intensa. L-event estrem tat-temp ikkawża għargħar fil-widien Alpini Franċiżi fir-reġjun ta' Provence-Alpes-Côte d'Azur. Ix-xita qawwiya kkawżat uqigħ tal-art, flussi ta' radam, għargħar għal għarrieda u erożjoni. In-networks tal-infrastruttura ġarrbu ħsara severa, u diversi bliet ġew iżolati minħabba t-tiġrif tal-pontijiet u tat-toroq ewlenin. Ġew affettwati mijiet ta' djar, diversi persuni għebu u mill-inqas 15 tilfu ħajjithom. Ġie rrappurtat bħala l-aghargħar għargħar fin-Nofsinhar ta' Franza għal dawn l-aħħar 120 sena.

Fil-21 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni minn Franza għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE għall-ħsara kkawżata mill-Maltempata Alex f'Ottubru 2020. Sussegwentement, Franza ppreżentat l-applikazzjoni tagħha bħala li tikkonċerna “diżastru naturali reġjonali” li jaffettwa reġjun wieħed ta' livell NUTS 2 (Provence-Alpes-Côte d'Azur/FRL0) u stmat il-ħsara diretta totali għal EUR 2 373 miljun. L-applikazzjoni kkwalifikat bħala li tikkonċerna “diżastru naturali reġjonali” skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament. Franza talbet pagament antiċipat.

Fit-22 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2021) 1340 li tat pagament antiċipat ta' EUR 5 932 500, li tħallas lil Franza fil-11 ta' Marzu 2021.

Il-Kummissjoni kkalkulat il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE għal EUR 59 325 000. Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2021) 201 tal-24 ta' Marzu 2021, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta' EUR 59 325 000 mill-FSUE lil Franza. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 4868 li tat il-pagament lil Franza ġiet adottata fit-28 ta' Ġunju 2021, u l-bilanċ ta' EUR 53 392 500 tħallas fid-29 ta' Lulju 2021.

COVID-19 – Emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri

➤ Introduzzjoni

F'Diċembru 2019, epidemija ta' pulmonite ta' oriġini mhux magħrufa ġiet irrappurtata lid-WHO minn Wuhan, iċ-Ċina. Aktar tard din ġiet identifikata bħala razza ġdida ta' coronavirus li ma kinitx ġiet identifikata qabel fil-bnedmin - il-marda tal-Coronavirus 2019 (COVID-19).

Fit-30 ta' Jannar 2020, id-WHO ddikjarat emerġenza epidemika ta' skala internazzjonali minħabba l-epidemija l-għdida tal-coronavirus.

Fil-ġimgħat ta' wara, minħabba kemm kienet qed tinfirex malajr l-epidemija, l-Istati Membri ddikjaraw stat ta' emerġenza nazzjonali u hađu miżuri sinifikanti biex jipprevjenu u jrażżnu l-infezzjoni fil-popolazzjonijiet tagħhom. Il-miżuri kienu jvarjaw minn miżuri ta' sorveljanza u kontroll fil-fruntieri, għal żieda fl-għadd ta' persunal mediku. It-tixrid tal-epidemija u l-miżuri ta' konteniment konsegwenti deċiżi mill-Istati Membri kellhom impatt profond fuq l-ekonomija, u affettwaw il-produzzjoni, l-investment, il-konsum, u l-funzjonament tas-suq tax-xogħol.

Waħda mill-karatteristiċi distintivi tal-COVID-19 kienet l-istress enormi li din ħolqot għas-sistemi tal-kura tas-saħħa u l-ħaddiema, peress li l-biċċa l-kbira tal-pazjenti li ddaħħlu l-isptar bil-COVID-19 kienu jeħtieġu assistenza klinika speċjali. Iż-żieda sinifikanti fl-għadd ta' pazjenti poġġa piż kbir fuq il-persunal tal-isptar u fuq id-disponibbiltà ta' tagħmir u provvisti kruċjali, bħal ċilindri tal-ossiġenu, ventilaturi, kits dijanjostiċi u tagħmir protettiv personali. Kien diffiċli ħafna għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa biex ilaħħqu ma' din is-sitwazzjoni, peress li pandemija kbira bħal din inevitabbilmint tirriskja li timmina l-kapaċità tal-istrutturi tas-saħħa li jipprovdu servizzi essenzjali oħra.

➤ Emendar tar-Regolament

Fit-30 ta' Marzu 2020, bħala parti mill-Inizjattiva ta' Investment fir-Rispons għall-Coronavirus³, ir-Regolament ġie emendat⁴ biex jinkludi emerġenzi kbar tas-saħħa pubblika fi ħdan il-prinċipju ta' solidarjetà tal-UE. L-emenda kienet tinkludi l-estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni minn 12 għal 18-il xahar u bidliet minuri oħra.

L-emenda espandiet il-firxa ta' spejjeż eliġibbli għal operazzjonijiet essenzjali ta' emerġenza u rkupru biex tinkludi miżuri: (i) l-għoti ta' assistenza medika rapida lill-popolazzjoni affettwata minn emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri; (ii) il-protezzjoni tal-popolazzjoni mir-riskju ta' infezzjoni permezz tal-prevenzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tat-tixrid tal-mard; u (iii) l-għied kontra riskji serji għas-saħħa pubblika jew jimmitigaw l-impatt tagħhom fuq is-saħħa pubblika.

➤ Applikazzjonijiet

Sal-iskadenza tal-24 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni kienet irċeviet 22 applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. B'mod ġenerali, 19-il Stat Membru tal-UE (il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja) u tliet pajjiżi kandidati (l-Albanija, il-Montenegro u s-Serbja) talbu assistenza.

³ Ir-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investment fir-Rispons għall-Coronavirus).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi li qed jinnegożjaw l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni li jkunu affettwati serjament minn emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri.

L-applikazzjonijiet mill-Polonja u s-Slovenja ġew miċħuda minħabba li ma ssodisfawx il-kriterji tar-Regolament. Matul il-valutazzjoni u wara l-iskambji mal-awtoritajiet Pollakki, il-Kummissjoni kkalkulat li l-awtoritajiet Pollakki kienu stmaw b'mod eċċessiv in-nefqa diretta pubblika totali fl-applikazzjoni tal-FSUE tagħhom sottomessa fit-22 ta' Ġunju 2020. In-nefqa rrappurtata għalhekk kellha titnaqqas bil-qbil tal-awtoritajiet Pollakki. Peress li l-livell limitu ta' emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri f'konformità mal-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament għall-Polonja fl-2020 kien ta' EUR 1 430,574 miljun, u n-nefqa pubblika totali riveduta kienet konsiderevolment taħt dak il-livell limitu, l-applikazzjoni tal-Polonja ma kinitx eliġibbli għal appoġġ mill-Fond. Sadanittant, matul il-valutazzjoni u wara l-iskambji mal-awtoritajiet Sloveni, il-Kummissjoni kkalkulat li l-awtoritajiet Sloveni kienu stmaw b'mod eċċessiv in-nefqa pubblika totali fl-applikazzjoni tal-FSUE tagħhom sottomessa fis-17 ta' Ġunju 2020, u li n-nefqa għalhekk kellha titnaqqas. Peress li l-livell limitu ta' emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri f'konformità mal-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament għas-Slovenja fl-2020 kien ta' EUR 135,102 miljun, u n-nefqa pubblika totali riveduta kienet taħt dak il-livell limitu, l-applikazzjoni mis-Slovenja ma kinitx eliġibbli għal appoġġ mill-FSUE.

➤ Valutazzjoni tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet kollha riċevuti ġew ivvalutati f'pakkett uniku biex jiġi żgurat trattament konsistenti u ugwali. Il-Kummissjoni investigat diversi aspetti bir-reqqa, bħal: (i) l-eliġibbiltà tan-nefqa (ukoll b'analiżi ta' jekk in-nefqa rrappurtata koprietx operazzjonijiet eliġibbli u jekk kinitx taqa' fil-perjodu ta' eliġibbiltà); (ii) in-natura ta' emerġenza tan-nefqa; (iii) l-eżistenza ta' rabta diretta mal-pandemija tal-COVID-19; u (iv) il-konsistenza tal-applikazzjoni b'mod ġenerali. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni talbet li l-pajjiżi applikanti jipprovdu informazzjoni, spjegazzjonijiet u dokumenti ta' sostenn addizzjonali.

➤ Finanzjament

Peress li l-prinċipju fundatur ewlieni tal-FSUE huwa s-solidarjetà, l-għajnuna mill-Fond għandha tkun progressiva. Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-għajnuna mill-FSUE ġiet stabbilita fir-Rapport Annwali dwar il-FSUE 2002-2003 u ġiet aċċettata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill (ara taħt "Finanzjament").

Il-metodu tal-Kummissjoni għall-kalkolu tal-ammonti ta' għajnuna għal emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri kien simili għall-metodu għal diżastri naturali. Għalhekk, pajjiż jenħtieġ li jirċievi 2,5 % tal-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli sal-livell limitu speċifiku għall-pajjiż għal emerġenzi tas-saħħa maġġuri, flimkien ma' 6 % tal-parti tan-nefqa pubblika li taqbeż il-livell limitu. Dan ġie kkomunikat ukoll permezz tas-sit web tal-Kummissjoni⁵. Billi dan il-kalkolu wassal għal ammont totali għall-pajjiżi kollha li qabżu r-riżorsi disponibbli tal-baġit, l-ammonti għal kull pajjiż tnaqqsu fuq bażi *pro rata*.

➤ Pagamenti antiċipati

Seba' Stati Membri tal-UE (il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Ungerija u l-Portugall) applikaw għal pagament antiċipat, għal ammont totali ta' EUR 132 736 830. Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni preliminari ta' dawk is-seba' applikazzjonijiet u kkonkludiet li kollha kemm huma ssodisfaw il-kundizzjonijiet għall-ħlas ta' pagament antiċipat mill-FSUE. Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 960 tad-9 ta' Ottubru 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw pagament totali antiċipat ta' EUR 132 736 830, li l-Kummissjoni ħallset lill-pajjiżi msemmija hawn fuq f'Diċembru 2020.

⁵ https://ec.europa.eu/regional_policy/en/funding/solidarity-fund/covid-19

➤ Bilanċ u pagamenti totali

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2021) 201 tal-24 ta' Marzu 2021, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-pagament ta' EUR 529 347 741 mill-FSUE lill-20 pajjiż applikant li rnexxew. F'Novembru u Diċembru 2021, total ta' EUR 397 454 921 tħallas lill-pajjiżi bħala pagamenti tal-bilanċ u pagamenti sħaħ.

FINANZJAMENT

L-ammonti individwali ta' assistenza proposti mill-Kummissjoni ġew ikkalkulati bl-użu tal-metodu li ġie deċiż fir-Rapport Annwali 2002-2003 dwar il-FSUE, kif aċċettat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, li ġie applikat fil-każijiet sussegwenti kollha. Huwa bbażat fuq il-ħsara diretta totali aċċettata kkawżata mid-diżastru b'rabta mal-ġid relativ tal-istat affettwat, kif rifless mil-livell limitu għal "diżastru naturali maġġuri" (ara l-Anness I).

Għaldaqstant, għal "diżastri naturali maġġuri", tiġi applikata sistema progressiva b'żewġ fażijiet li permezz tagħha l-pajjiż jirċievi rata aktar baxxa ta' għajjnuna ta' 2,5 % tal-ħsara diretta totali għall-parti tal-ħsara taħt il-livell limitu u rata ogħla ta' għajjnuna ta' 6 % għall-parti tal-ħsara li taqbeż il-livell limitu. Iż-żewġ ammonti huma miżjuda flimkien. "Diżastri naturali reġjonali" u "diżastri naturali ta' pajjiż ġar" jirċievu 2,5 % tal-ħsara diretta totali.

Ladarba l-Parlament Ewropew u l-Kunsill kienu approvaw il-mobilizzazzjoni f'kull każ u għamli l-appropriazzjonijiet baġitarji meħtieġa disponibbli fil-baġit tal-UE, il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jagħtu l-assistenza lill-pajjiżi individwali u mbagħad ħallset l-ammont sħiħ. F'dawk il-każijiet fejn ingħata pagament antiċipat, tħallas biss il-bilanċ tal-kontribuzzjoni sħiħa.

L-annessi tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni elenkaw deskrizzjoni ġenerika tal-użu maħsub tal-flus, l-awtoritajiet innominati mill-istati benefiċjarji biex jimplimentaw il-kontribuzzjoni tal-FSUE u l-awtorità indipendenti responsabbli għall-awditjar u l-kontroll.

Fl-Anness II ta' dan ir-rapport jinsabu tabelli finanzjarji dettaljati.

Matul il-perjodu ta' rappurtar, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw 17-il kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kif propost mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tagħha għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-gruppi li ġejjin:

➤ 2019

- Fit-22 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-FSUE⁶ għal ammont ta' EUR 293 551 794 biex tingħata assistenza lir-Rumanija, lill-Italja u lill-Awstrija. Din il-proposta ta' mobilizzazzjoni kienet akkumpanjata mill-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 3/2019⁷ li ppropona li jiddaħħlu l-appropriazzjonijiet meħtieġa fil-baġit ġenerali tal-2019, kemm f'impenji kif ukoll f'pagamenti. L-ABE Nru 3/2019 u l-proposta ta' mobilizzazzjoni

⁶ COM (2019) 206 final, 22.5.2019.

⁷ COM (2019) 205 final, 22.5.2019.

ġew adottati mill-awtorità baġitarja fit-18 ta' Settembru 2019⁸ li tat EUR 293 551 794 mill-assistenza tal-FSUE lill-Italja, l-Awstrija u r-Rumanija.

- DAB Nru 4/2019⁹ ġie adottat fit-2 ta' Lulju 2019. L-għan tal-ABE Nru 4/2019 kien li jaġġorna kemm in-naħa tan-nefqa kif ukoll dik tad-dħul tal-baġit biex jitqiesu l-aħħar żviluppi, inkluża l-proposta li jitnaqqas il-livell tal-appropriazzjonijiet ta' impenn tal-FSUE inklużi fil-baġit b'EUR 29,7 miljun.
- DEC¹⁰ Nru 2020/227 ġiet adottata fis-27 ta' Novembru 2019 biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 4 552 517 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament lill-Greċja.

➤ 2020

- Fit-30 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-FSUE¹¹ għal ammont ta' EUR 278 993 814 biex tingħata assistenza lill-Portugall, lil Spanja, lill-Italja u lill-Awstrija. Din il-proposta ta' mobilizzazzjoni kienet akkumpanjata mill-ABE Nru 4/2020 li ppropona li jiddaħħlu l-appropriazzjonijiet meħtieġa fil-baġit ġenerali għall-2020, kemm f'impjenji kif ukoll f'pagamenti. L-ABE Nru 4/2020 u l-proposta ta' mobilizzazzjoni ġew adottati mill-awtorità baġitarja fit-18 ta' Ġunju 2020 u taw EUR 278 993 814 f'assistenza tal-FSUE lil Spanja, l-Italja, l-Awstrija u l-Portugall wara d-diżastri li seħħew f'dawn il-pajjiżi matul l-2019.
- Fid-9 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-FSUE¹² għal ammont ta' EUR 823 548 633 biex tingħata assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward ta' diżastri naturali li seħħew f'dawn il-pajjiżi matul l-2020 u biex jingħata pagament bil-quddiem lill-Kroazja, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Portugall u lil Spanja b'reazzjoni għall-emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020. Din il-proposta ta' mobilizzazzjoni kienet akkumpanjata mill-ABE Nru 9/2020¹³ li ppropona li jiddaħħlu l-appropriazzjonijiet meħtieġa fil-baġit ġenerali għall-2020, kemm f'impjenji kif ukoll f'pagamenti. L-ABE Nru 9/2020 u l-proposta ta' mobilizzazzjoni ġew adottati mill-awtorità baġitarja fil-25 ta' Novembru 2020¹⁴ li tat total ta' EUR 823 548 633 f'assistenza mill-FSUE lill-Ġermanja, lill-Irlanda, lill-Greċja, lil Spanja, lill-Kroazja, lill-Ungerija, lill-Polonja u lill-Portugall.

⁸ Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2019 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Awstrija, l-Italja u r-Rumanija.

⁹ COM (2019) 610 final, 2.2.2019.

¹⁰ Talba għal trasferiment ta' appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju

¹¹ COM (2020) 200 final, 30.4.2020.

¹² COM(2020) 960 tad-9.10.2020

¹³ COM (2020) 961 final, 9.10.2020.

¹⁴ Id-Deċiżjoni (UE) 2021/75 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward ta' diżastru naturali u biex jipprovidi għall-pagament ta' avvanzi lill-Kroazja, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Portugall u lil Spanja b'rabta ma' emerġenza tas-saħħa pubblika.

GĦELUQ

L-Artikolu 8(3) tar-Regolament jistipula li fi żmien 24 xahar mid-data tal-iżborż tal-kontribuzzjoni finanzjarja, l-istat benefiċjarju jrid jippreżenta rapport dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja (“rapport ta’ implimentazzjoni”) b’dikjarazzjoni li tissostanzja n-nefqa (“dikjarazzjoni ta’ validità”).

Il-Kummissjoni għalqet erba’ fajls tal-FSUE fl-2020 u xejn fl-2019.

➤ *GĦELUQ TAL-2020*

Is-Slovenja, maltempata tas-silġ fl-2014: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 18 388 478. Fis-17 ta’ Marzu 2017, is-Slovenja talbet estensjoni għas-sottomissjoni tar-rapport ta’ implimentazzjoni u nġhatat waħda sat-30 ta’ Ġunju 2017. Is-Slovenja ssottomettiet ir-rapport ta’ implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta’ validità fit-22 ta’ Ġunju 2017. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Sloveni, instab ammont irregolari ta’ EUR 6 775,35 matul l-operazzjonijiet tal-awditjar. L-irkupru tal-fondi ma kienx meħtieġ peress li kien hemm ibbukkar żejjed ta’ EUR 2 267 664,97. Il-fajl ingħalaq fi Frar 2020.

Iċ-Ċekja, għargħar fl-2013: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 15 928 275. Fis-7 ta’ Marzu 2016, l-awtoritajiet Ċeki ssottomettew ir-rapport ta’ implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta’ validità, li ġew ivvalutati mill-Kummissjoni. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Ċeki lestew id-dikjarazzjoni ta’ validità b’informazzjoni addizzjonali f’Novembru 2016 u April 2018. Awditu mwettaq mill-Kummissjoni f’Awwissu 2018 żvela li parti min-nefqa kienet irregolari u mhux konformi mar-Regolament. Is-sejba ġiet ikkonfermata fis-26 ta’ Marzu 2019. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, in-nefqa eliġibbli taħt il-Fond ammontat għal EUR 15 917 103,51, li kienet aktar baxxa mill-kontribuzzjoni finanzjarja ta’ EUR 15 928 275 mill-Fond. Id-differenza ta’ EUR 11 171,49 bejn in-nefqa eliġibbli mġarrba u l-ammont riċevut kienet ir-riżultat ta’ korrezzjoni finanzjarja relatata mar-reġjun ta’ Ustínad Labem. Kien meħtieġ li l-ammont tal-korrezzjoni finanzjarja (EUR 11 171,49) jiġi rkuprat, u ittra ta’ qabel l-għeluq intbagħtet fit-13 ta’ Mejju 2019 li tiddikjara dak l-ammont. F’Lulju 2019, iċ-Ċekja talbet il-kanċellazzjoni tal-korrezzjoni finanzjarja u pprovdiet dokumenti ta’ sostenn. Minn Lulju 2019 sa Jannar 2020, il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni li rċeviet miċ-Ċekja, id-dikjarazzjoni ta’ validità finalment ġiet aċċettata f’April 2020 u l-korrezzjoni finanzjarja ġiet ikkanċellata.

Ir-Renju Unit, għargħar fl-2015: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 60 301 050. Ir-Renju Unit issottometta r-rapport ta’ implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta’ validità fis-16 ta’ Lulju 2019. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, in-nefqa eliġibbli taħt il-Fond kienet tammonta għal EUR 93 887 925,31, li kienet ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja ta’ EUR 60 301 050. Id-differenza bejn il-kontribuzzjoni tal-FSUE u n-nefqa ddikjarata hija r-riżultat ta’ nefqa eliġibbli ogħla. Fit-2 ta’ Ottubru 2020 intbagħtet ittra tal-għeluq li tiddikjara li ma kienx meħtieġ li jiġi rkuprat l-ebda ammont.

Il-Greċja, terremot fl-2015: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 1 651 834. Ir-rapport ta’ implimentazzjoni ġie sottomess fit-22 ta’ Novembru 2018. Wara li l-Kummissjoni eżaminatha bir-reqqa, u abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Greċja, in-nefqa eliġibbli taħt il-Fond kienet tammonta għal EUR 2 631 808,66, li kienet ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FSUE ta’ EUR 1 651 834. Id-differenza bejn il-kontribuzzjoni tal-FSUE u n-nefqa ddikjarata hija r-riżultat ta’ nefqa eliġibbli ogħla. Fit-2 ta’

Ottubru 2020 intbagħtet ittra tal-għeluq li tikkonferma li ma kien meħtieġ li tiġi applikata l-ebda korrezzjoni finanzjarja.

KONKLUŻJONIJIET

L-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati qed jiffaċċjaw dejjem aktar diżastri naturali, li spiss jidher li huma marbuta mat-tibdil fil-klima. Fl-2019–2020, il-FSUE kompli joffri lill-komunitajiet affettwati appoġġ vitali fil-forma ta' għajnuna finanzjarja għall-isforzi ta' rkupru tagħhom minn diżastri bħal dawn, u pprova sinjal tanġibbli ta' solidarjetà Ewropea.

Madankollu, kienet il-pandemija tal-COVID-19 li kellha l-akbar impatt fuq il-funzjonament tal-FSUE fl-2019–2020, li juri l-importanza tal-flessibbiltà tal-baġit tal-FSUE u l-adattabbiltà tar-Regolament. L-emenda rapida tar-Regolament fit-30 ta' Marzu 2020 fissret li mill-1 ta' April 2020, l-Istati Membri u l-pajjiżi involuti fin-negozjati tal-UE setgħu japplikaw għal appoġġ mill-FSUE għal emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri.

B'konsegwenza ta' dan, l-2019 u l-2020, b'mod partikolari, irriżultaw li kienu snin impenjattivi ħafna għall-FSUE. Matul dawn is-sentejn, kien hemm 33 applikazzjoni ġdida li rnexxew, li minnhom 13 kienu relatati ma' diżastri naturali u 20 ma' emerġenza kbira tas-saħħa pubblika.

B'kollox, EUR 77,6 miljun fl-2019 u EUR 989 miljun fl-2020 ġew mobilizzati mill-FSUE biex jgħinu lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati jirkupraw mill-konsegwenzi tad-diżastri naturali biss. Ix-xhur minn Settembru sa Novembru 2019 kienu kkaratterizzati minn avvenimenti estremi tat-temp fin-Nofsinhar u fiċ-ċentru tal-Ewropa, li għalihom l-FSUE pprova aktar minn EUR 270 miljun f'appoġġ. Sadanittant, minn Ġunju sa Awwissu 2020, l-għargħar laqat diversi Stati Membri, li rċew EUR 10 miljun f'għajnuna mill-FSUE.

Il-Fond ħallas l-akbar kontribuzzjoni ta' 2020 – u t-tieni l-ogħla ammont fl-istorja tiegħu – għat-terremoti ta' Zagreb ta' Marzu 2020. L-applikazzjoni u l-iżborż ta' EUR 683,7 miljun b'appoġġ ġew ipproċessati f'perjodu ta' żmien inkredibbilment qasir (seba' xhur), meta jitqies l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-FSUE u l-kobor tal-ħsara diretta totali bħala riżultat tat-terremoti.

Madankollu, il-pandemija tal-COVID-19 li ħabtet mat-terremoti fil-Kroazja wriet ukoll il-limitazzjonijiet baġitarji tal-Fond. Għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu, *l-appoġġ tiegħu kellu jitnaqqas pro rata meta mqabbel mal-appoġġ ikkalkulat skont il-metodoloġija miftiehma.* Kif se juri r-rapport għas-snin ta' wara, ma kinitx l-aħħar darba li l-appoġġ kellu jitnaqqas.

Fid-dawl tal-mandat imwessa' tiegħu u d-domanda dejjem tikber tiegħu għall-appoġġ tiegħu, il-FSUE għandu jingħata l-mezzi baġitarji meħtieġa biex iwettaq il-mandat tiegħu wkoll fil-futur. Matul l-istorja tiegħu, l-FSUE kellu rwol importanti fl-appoġġ tal-istati fil-bżonn u billi offra simbolu konkret ta' solidarjetà tal-UE lil persuni f'sitwazzjonijiet diffiċli ħafna wara d-diżastri u l-emerġenzi. Biex jibqa' jaqdi dan ir-rwol konkret u simboliku, huwa essenzjali li r-riżorsi baġitarji tal-FSUE jiżdiedu u jiġu salvagwardjati.